**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark verbali Komunitarja “AlGo” – Nru 10 096 337

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta’ Frar 2015, fil-Każ R 1409/2013-1

**Talbiet**

— tibdel id-deċiżjoni kkontestata, b’tali mod li tiċħad kompletament l-oppożizzjoni;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ġunju 2015 – L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-313/15)**

(2015/C 262/47)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: P. Gentili, avvocato dello Stato, u G. Palmieri, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-avviż ta’ kompetizzjoni EPSO/AD/301/15 – Amministraturi (AD 5)

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati huma identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-17/15, Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni (ĠU C 81 tad-9 ta’ Marzu 2015, p. 27).

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Ġunju 2015 – Zitro IP vs UASI (TRIPLE BONUS)**

**(Kawża T-318/15)**

(2015/C 262/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Zitro IP Sàrl (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)